# MALTA

## ATT Nru. XXXIII ta' l-1977

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg.**

## ACT No. XXXIII of 1977

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

President

7 ta' Ottubru, 1977

# ATT Nru. XXXIII ta' l-1977

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1977 li jemenda l-Att li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat biż-żieda tal-proviso li ġej fit-tarf tiegħu:

"Iżda dan is-subartikolu ma japplikax għal xi proposti li jkunu jikkonsistu f'emenda ta' ordni li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg u li jkunu maħsuba sabiex xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' l-impieg regolati b'dak l-ordni jinġiebu jaqblu ma' kondizzjonijiet ta' mpieg simili li japplikaw, jew li huma maħsuba li japplikaw, għal impjegati oħra, jew li jibdlu xi waħda jew iktar minn dawk il-kondizzjonijiet b'mod simili bħal tibdil magħmul, jew maħsub li jkun magħmul, dwar impjegati oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 15A ta' l-Att prinċipali.

3. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15A ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem minn "u dik iż-żieda tkun magħmula" sal-kliem "fl-għoli tal-ħajja" u minflok il-kliem "b'ammont ekwivalenti" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "u dik iż-żieda tkun dikjarata mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta li tkun ta' applikazzjoni ġenerali għall-impjegati *whole-time* kollha" u l-kliem "b'ammont ekwivalenti jew li jikkorrispondi għaż-żieda mogħtija mill-Gvern lill-impjegati tiegħu".

4. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew b'ordni li jirregola l-pagi" għandhom jidħlu l-kliem "jew bi ftehim industrjali". Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 86 tal-5 ta' Ottubru, 1977.

*Speaker*

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

President

7th October, 1977

## ACT No. XXXIII of 1977

*AN ACT further to amend the Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

1. This Act may be cited as the Conditions of Employment (Regulation) (Amendment) (No. 2) Act, 1977, and shall be read and construed as one with the Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 7 of the principal Act.

2. Subsection (2) of section 7 of the principal Act shall be amended by the addition of the following proviso at the end thereof:

"Provided that this subsection shall not apply to any proposal which consists in an amendment of a wage regulation order and which is intended to bring any one or more of the conditions of employment regulated by that order into line with similar conditions of employment applicable, or intended to apply, to other employees, or to change any one or more of those conditions in a manner similar to a change made, or intended to be made, with respect to other employees.".

Amendment of section 15A of the principal Act.

3. In subsection (1) of section 15A of the principal Act, for the words from "and such increase consists" to the words "in the cost of living" and for the words "by an equivalent amount" there shall be substituted respectively the words "and such increase is declared by the Minister by notice in the Gazette to be of general application to all whole-time employees" and the words "by an amount equivalent or corresponding to the increase granted by the Government to its employees".

4. In subsection (1) of section 30 of the principal Act, immediately after the words "or wage regulation order" there shall be inserted the words "or industrial agreement". Amendment of section 30 of the principal Act.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 86 of the 5th October, 1977.

*Speaker*

*Clerk to the House of Representatives*